# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta tal-31 ta' Mejju 2023**

**Rikors Numru : 338/2022 JPG**
**Kawza Numru : 25**

**AL**
**Vs**
**CM**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' AL datat 17 ta' Gunju 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet iżżewġu fid-9 ta' April tas-sena 2010 (09.04.2010), mil-liema żwieġ huma kellhom minuri bl-isem ta' L (ara* ***Dok A****);*

2. *Illi huma sseparaw legalment permezz ta' sentenza mogħti mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) datata tnax ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (12/05/2022) (Ara kuntratti hawn annessi u mmarkati bhala* ***Dok B****);*

3. *Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi huma ilhom separati de facto sa minn Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014), illum il-ġurnata huma għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;*

4. *Illi l-esponenti tiddikjara illi ma hemmx kwistjonijiet ta' manteniment bejn il-partijiet. Illi l-partijiet reċiprokament iddekadew ghad-dritt taghhom li*

*jirċievu l-manteniment mingħand xulxin, il-konvenut qed iħallas is-somma ta' mitejn u ħamsin ewro (€250) manteniment ghal ibnu minuri direttament mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, u ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti (ara affidavit hawn anness u mmarkat bhala* ***Dok C)****;*

5. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-ligi ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob li dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien li l-istess Onorabbli Qorti jogħġobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet sabiex dan tal-aħħar jirreġistra l-istess fiċ-Ċertifikat taż-Żwieġ tal-partijiet.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi permezz ta' affissjoni u pubblikazzjoni;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma intavola ebda risposta u ma attendiex, ghaldaqstant huwa kontumaci;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-verbal tat-23 ta' Marzu 2023 (Vide Fol 56), fejn l-attrici ddikjarat li ma ghandhiex aktar provi x'tipproduci;

Rat il fakolta' mghotija minn din il-Qorti lill-intimat sabiex jipprezenta s-sottomissjonijiet tieghu ai termini tal-Art 158 (10) tal-Kap 12;

Rat illi minkejja dan, l-intimat baqa' inadempjenti;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet** (vide affidavit fol 27) illi l-kontendenti zzewgu nhar id-9 t'April 2010 u li minn dan iz-zwieg twieled tifel. Iddikjarat illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' sentenza ta separazzjoni personali mill-Qorti tal-Appell datata 12 ta' Mejju 2022. Xehdet illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li t-tnejn li huma jghixu hajja totalment separata minn xulxin sa mis-sena 2014. Sostniet illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma intavola ebda risposta u ma attendiex, ghaldaqstant huwa kontumaci; Rat ukoll li ebda sottomissjonijiet ma gew minnu ntavolati;

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien***

***għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar id-9 t'April 2010, liema zwieg jgib certifikat numru 237/2010 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg twieled tifel li

ghadu minuri.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw permezz ta’ sentenza ta separazzjoni personali mill-Qorti tal-Appell datata 12 ta’ Mejju 2022. (vide Dok B fol 5 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta’ zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta’ manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis illi ma hemm ebda eccezzjoni li ghandha titqanqal ex-officio mill-istess Qorti in vista tal-kontumacja tal-intimat.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 237/2010 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**